# Il-Ħadd 31.12.2017

1. Illum, 31/12:
   - Mill-5:00pm 'il quddiem jkollna l-Qrar.
   - Fis-6:30pm niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*.
     Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa tmur għad-Dar tal-Provvidenza u fl-ewwel tas-sena nippreżentawha waqt l-Open Day. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom.
2. It-Tnejn 1/01/18, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd.
3. Il-Ġimgħa 5/01/18, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Konfessur għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
   - Fit-8:00pm - *Get Together* għall-*Helpers* biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa, fil-Museum tas-Subien.
4. Is-Sibt 6/01/18:-
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa mmexxija minn Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerali, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji li żżewġu matul din is-sena, 2017.
5. Il-Ħadd 7/01/18, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**.
   - Fl-10:00am – Quddiesa li fiha nilqgħu is-Slaten Maġi u li għaliha qed inħeġġu biex jattendu persuni ta' nazzjonalità barranija, jiġifieri mhux Maltija, imma li joqgħodu fil-lokalità tagħna, ta' Ħal Safi.
6. It-Tnejn 8/01/18, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**.
   - Terġa' tibda d-duttrina fil-ħinijiet u l-ġranet tas-soltu.
7. Avviżi oħra:
   - Matul dawn il-jiem ser jitqassam il-magazin *'Flimkien'* ta' Jannar, flimkien mad-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2018.
   - Nerġa' nfakkar fl-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-manutensjoni tal-knisja u biex nkomplu nkopru l-ispejjeż relatati mal-proġetti ta' restawr li qed isiru. Grazzi.
8. Avviżi tal-Kunsll Lokali:
   - Il-Ħadd 07/01: Issir l-Ikla għall-Anzjani fis-sala tal-Iskola f'nofsinhar.
     Biljetti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-istess Kunsill.
   - Nhar l-Ewwel tas-Sena il-Borża s-sewda ser tinġabar xorta.
     Importanti li tinħareġ qabel is-7:00am.
9. Nitolbu għal Joe Monreal u Francis Grixti li għaddew għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...